MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1217/2001/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Renato Caruana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2001 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi b’rikors ipprezentat fid-19 ta’ Ottubru, 2000 (dok. “A”), Saviour sive Silvio Vella bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Michael Vella & Sons Ltd ippremetta illi s-socjeta’ rikorrenti kienet talbet u

ottjeniet il-hrug tal-mandat ta’ qbid numru 2904/2000 fl-ismijiet Teresa Vella ghan-nom tas-socjeta’ Michael Vella & Sons Ltd vs Renato Caruana.

2. Illi l-istess mandat kien gie esegwit fit-12 ta’ Awissu, 2000, u fil-fatt kienu gew maqbuda diversi oggetti.

3. Illi r-rikorrenti rrileva illi mid-data ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat sad-data tar-rikors imsemmi, l-oggetti kollha maqbuda gew trasferiti jew imcaqalqa minn Renato Caruana mill-post ta’ esekuzzjoni u dan bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti nomine kif ukoll b’disprezz lampanti lejn l-awtorita’ ta’ din il-Qorti.

4. Illi minhabba dan, ir-rikorrenti talab li din il-Qorti tiehu dawk il-passi kollha necessarji kontra Renato Caruana ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha u taghti l-provvedimenti opportuni skond il-ligi, inkluzi l-komminazzjoni tas-sanzjonijiet previsti mil-ligi.

5. Illi b’digriet moghti fl-1 ta’ Dicembru, 2000, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 1003A tal-Kap. 12, ordnat lir-Registratur tal-Qrati sabiex jiehu dawk il-proceduri mehtiega ghad-disprezz skond il-ligi (dok. “B”).

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(i) issibu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha;

(ii) tikkundannah ghall-pieni skond it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lill Avukat tal-attur.

Illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk ma ressaq ebda provi billi baqa’ kontumaci. Mill-provi processwali jirrizulta ampjament illi wara li nhareg mandat ta’ qbid kontra l-konvenut *da parti* tas-socjeta’ Michael Vella and Sons Limited, inqabdu diversi oggetti mobbli li huma ndikati fl-istess mandat illi gie esebit fil-kors tal-kawza. Jirrizulta pero’ li ftit wara dawn l-oggetti ma baqghux fil-post indikat fil-mandat u ghalhekk il-kreditur ma setax jesegwixxi l-mandat. Jidher anzi li l-konvenut trasferixxa l-lokazzjoni tal-fond lil terzi u biegh l-oggetti maqbuda.

Certament dan jaqa’ taht l-ambitu tal-Artikolu 997 tal-Kapitlu 12 li jghid;

*Kull persuna hatja ta’ xi ghemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel dan it-titolu li jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti jigi mill-Imhallef jew Magistrat, moghtija l-piena tal-ammenda jew tal-multa jew tad-detenzjoni.*

**Il-Qorti ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici billi;**

**1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenut fuq imsemmi jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ taghha;**

**2. Issibu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha; u**

**3. Tikkundannah ghal multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) li ghandha tithallas lill-attur.**

**Spejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------